# Ekonomija Ċirkulari Malta (CE Malta)

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Ekonomija Ċirkulari Malta (CE Malta) hija l-entita kompetenti maħtura, imwaqqfa mill-Gvern, għall-Ekonomija Ċirkulari skond l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. L-Aġenzija għandha l-għan li trawwim u tiffaċilita t-tranzizzjoni minn ekonomija lineari għal dik ċirkolari permezz ta' governanza effettiva tar-rizorsi riċiklabbli.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://cemalta.gov.mt/?lang=mt*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta 'żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum 1 tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Meta żżur id-Dipartiment

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-20 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 sa 10 ijiem tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien jumejn 2 tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *https://cemalta.gov.mt/?lang=mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq Issotometi ilment

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi il-feedback tagħna fi żmien jumejn 2 tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Ekonomija Ċirkulari Malta, Livel 4, Millenia Buildings, Triq Aldo Moro, Marsa MRS 9065, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ħamis: 08:00-17:00; Il-Ġimgħa 08:00-14:00: Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://www.cemalta.gov.mt/mt* jew *https://www.cemalta.gov.mt/formoli-elettronici/?lang=mt*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *info@cemalta.gov.mt* - +356 2226 8200
- Permezz tal-midja soċjali: